MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Numru 62/2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Joseph Caruana, iben
Andrew, imwieled Żejtun
fis-27 ta' mejju, 1945

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fil-25 ta' diċembru, 2002 għal ħabta tas-6.55 a.m. ġewwa ż-Żejtun, waqt li
kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-għamla Skoda, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAL 501, ipprova jpoġġi l-ħajja ta' martu Mary Caruana f'perikolu ċar, billi b'atti esterni wera dan il-ħsieb u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, billi għal diversi drabi saq l-istess vettura fid-direzzjoni tagħha;

2. talli fl-istess jum, lok u ċirkostanżi saq il-vettura tal-għamla Skoda, bin-numru tar-
reġistrazzjoni CAL 501, b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż;
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, barra l-piena stabbilita mill-liġi, l-istess Joseph Caruana jiġi skwalfikat milli jkollu jew jakkwista ebda liċenzja tas-sewqan u li jiġi applikat l-artikolu 383 tal-kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' l-istess Mary Caruana.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' awissu, 2003 fejn iddikjara li wara li ra
l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 218, 31, 383, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikoli 15(1)(a) u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' otttubru, 2003 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fil-25 ta' diċembru, 2002 Maria Caruana ħarġet mid-dar tagħha biex tmur
il-quddies. Hekk kif ħarġet sabet lill-imputat , li hu r-raġel tagħha, li kien viċin
id-dar. Hu kien fil-karozza tiegħu. Huma bdew jiġġieldu bid-diskors u l-imputat beda jsuq għal warajha. Hi kellha tagħaddi minn triq dejqa ħafna u Maria Caruana xehdet li hu pprova jtajjarha bil-karozza tiegħu. Saħansitra, hi xehdet li hu rriversja għal fuqha. Ikkonfermat li hi rrnexxilha tevita li tiġi milquta mill-imputat.

Illi min-naħa tiegħu l-imputat ċaħad li hu pprova jolqotha bil-karozza tiegħu u xehed li tant hi dejqa t-triq li kieku ried verament itajjarha ma kien ikollu ebda diffikolta' biex jagħmel dan.

Illi l-uniċi żewġ xhieda ndipendenti prodotti mill-prosekuzzjoni ftit li xejn tefgħu dawl fuq l-inċident. Wieħed minnhom xehed li ra lill-koppja Caruana jitlewwmu u xejn aktar. It-tieni xhud qal li ra lill-imputat jirriversja l-karozza tiegħu bil-mod mit-triq id-dejqa.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax li saret il-prova rikjesta mill-liġi biex tiġi radikata r-responsabilita' kriminali ta' l-imputat. Kollox jirrisolvi ruħu fuq ix-xhieda ta' Maria Caruana u ta' l-imputat.

Għaldaqstant, minħabba konflitt ta' provi ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------